# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Christopher Zammit**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Christopher Zammit**, numru tal-Karta tal-identita' 526779M fejn ġie mixli talli nhar l-1 ta' Ġunju 2013 għall-ħabta tas-22:20, waqt li kien qed isuq il-vettura numru tar-reġistrazzjoni ABQ 965 fi Triq ic-Cagħaq San Pawl il-Baħar, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ħabat ma vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HBM347 u nvolontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anton Falzon, skont kif iċċertifika Dr. Jeffrey Bonnici MD minn MDH. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex il-ħati jiġi skwalifikat mill-liċenzji tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li matul is-seduta tat-2 ta' Frar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 32 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Marie Elise Agius tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet opposti fir-rigward tad-dinamika tal-inċident de quo. Dak li l-aktar jirrendi dan il-

każ partikolari huwa l-fatt li t-tliet xhieda li kienu direttament involuti f'dan il-każ, irriżultaw li kienu xiehda li xehdu b'mod kredibbli u b'mod konvinċenti l-verżjoni tal-fatti dwar kif seħħ l-inċident, naturalment jiddeskrivu l-inċident minn lenti differenti.

Essenzjalment il-verżjoni tal-parte civile hija li huwa kien qiegħed isuq il-mutur tax-xogħol tiegħu u kien għadu kif ħa l-fuel minn pompa tal-petrol li tinsab fuq Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar u hekk kif kien ħiereġ minn din il-pompa għal fuq l-istess Triq il-Mosta, huwa ħares lejn il-lemin u x-xellug tiegħu u lemaħ karozza ġejja mid-direzzjoni opposta ta' fejn ried isuq huwa u kienet għadha l-bogħod. Hekk kif pero ħareġ għal fuq Triq il-Mosta, din il-karozza għall-għarrieda u mingħajr ebda sinjal kisret għal fuq il-karreġġjata li fuqha kien qiegħed isuq u tajritu għal mal-art. Huwa sofra offiżi ta' natura gravi b'disabilita permanenti.

Mill-banda l-oħra l-imputat u l-passiġġiera li kienet riekba miegħu, Antonella Micallef it-tnejn li huwa jtennu li hekk kif l-imputat kien qiegħed isuq il-karozza fuq Triq il-Mosta fid-direzzjoni lejn ix-Xemxija, riedu jduru lejn Triq iċ-Ċagħak, l-imputat naqqas il-veloċita, waqaf f'nofs it-triq, xegħel l-indicator, raw li ma kienux ġejjin karozzi minn ebda direzzjoni, ħarsu wkoll fid-direzzjoni tal-pompa tal-petrol mnejn ma raw lil ħadd ħiereġ, is-sewwieq beda jdur lejn Triq iċ-Ċagħak u hekk kif qed idur semgħu ħoss u rrealizzaw li seħħ impatt. Dawn iż-żewġt xhieda jtennu li minkejja li ħarsu sew qabel il-vettura misjuqa mill-

imputat bdiet iddur, fl-ebda ħin ma raw lill-parte civile ġej jew jaqla biex joħroġ mill-petrol station.

Jista' jingħad li x-xiehda taqbel fuq dettall wieħed – u ċjoe li l-impatt ma seħħx fi Triq iċ-Ċagħaq kif imsemmi fil-komparixxi, iżda seħħ fi Triq il-Mosta. Dan id-dettall jaqbel miegħu anke l-parte civile meta jgħid li skontu l-impatt ma seħħx fi Triq iċ-Ċagħaq iżda fi Triq il-Mosta.

Anke minn ħarsa lejn l-iskizz eżibit a fol 59 nonche r-ritratti eżibiti mill-parte civile a fol 56 u 57 jikkonfermaw dan. Verament li fl-imputazzjoni għalhekk hemm indikazzjoni tat-Triq li hija ħażina. Pero din il-Qorti mhix sejra tillibera lill-imputat mill-akkuża minħabba dan in-nuqqas.

Inoltre, anke l-provi indiretti f'dan il-każ ma humiex univoċi. Hekk per eżempju jekk wieħed jara r-ritratti eżibiti mill-imputat a fol 99 sa' 103 juru li l-impatt fuq il-vettura misjuqa mill-imputat kien prinċipalment fuq in-naħa ta' quddiem iżda prinċipalment fuq ix-xellug tal-vettura. Fil-fatt anke fil-Full Road Accident Report eżibit a fol 2, jirriżulta li fejn il-mutur misjuq mill-parte civile kellu ħsarat fuq in-naħa ta' quddiem kollu (li juri impatt frontali) l-istess rapport jgġid li ma kien hemm ebda ħsara kaġunata lill-vettura misjuqa mill-imputat ABQ 965 b'nota li tgħid "no vehicle damage". Evidentement dan huwa żball ta' min irrediġa dan ir-rapport għaliex l-imputat stess jistqarr li kellu ħsarat estensivi kif murija fir-ritratti eżibiti konsegwenza tal-istess impatt.

Minn din l-evidenza indiretta, jirriżulta li l-mutur sofra impatt frontali mentri l-vettura ABQ 965 sofriet impatt frontal–laterali pero ftit aktar laterali milli frontali. Dan it-tip t'impatt pero ma jsolvix il-vertenza f'dan il-każ. Għaliex daqskemm jista jindika li l-imputat invada l-karreġġjata tal-parte civile wara li l-parte civile kien laħaq ħareġ mill-pompa tal-petrol u ddritta għal fuq Triq il-Mosta meta seħħ l-inċident, hekk ukoll jista' jingħad li l-inċident seħħ kif l-imputat kien laħaq dar għal fuq Triq il-Mosta tant li l-impatt kien wieħed frontal laterali pero ftit aktar laterali milli frontali.

Issa f'dan il-każ, din il-Qorti hija adita bil-proċediment penali u mhux dak ċivili. Jiġifieri l-ħtija tal-imputat trid tiġi stabbilita lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mhux biżżejjed għal din il-Qorti li tasal għal konvinċiment morali li probabbilment kien l-imputat li jaħti għall-inċident de quo. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat u Antonella Micallef it-tnejn jaqblu li ma rawx lill-imputat ħiereġ mill-pompa tal-petrol qabel ma seħħ l-impatt jekk verament kellhom għajnejhom fuq it-triq. Mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-parte civile jgħid li kien ilu jara l-karozza misjuqa mill-imputat li kienet miexja dritt u li kien ilu jaraha minn distanza notevoli miexja dritt u li ma kienetx ġejja b'veloċita għolja.

F'dan il-każ il-Qorti tifhem li dan kien inċident verament sfortunat fejn jidher li r-raġuni għaliex kemm il-parte civile kif ukoll l-imputat u l-għarusa tiegħu ma rawx lil xulxin kien dovut għal fatt li kemm il-parte civile kif ukoll l-imputat intraprendew il-manuvri rispettivi tagħhom kważi simultanejament b'mod li allura ż-żewġt partijiet ma setgħux, fl-ispazju qasir ħafna ta' ftit sekondi jaraw lil xulxin jagħmlu l-manuvra rispettiva.

Fid-dawl tal-kwalita' tal-provi prodotti f'dan il-każ, din il-Qorti ma tħosshiex li tkun *safe and satisfactory* li tiddikjara ruħha konvinta **lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni** li l-inċident stradali de quo seħħ unikament tort tal-imputat.

# *DECIDE*

Li għaldaqstant qegħda ssib lil **Christopher Zammit mhux ħati** tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija illum it-3 jum ta' Frar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/proċ reż somm/kont